MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**DEBORAH MIFSUD ATTARD**

Seduta tat-28 ta' Mejju, 2012

Talba Numru. 462/2009

**Korporazzjoni Enemalta**

**vs**

**V&C Contractors Limited**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviż ippreżentat mill-kumpanija attriċi fit-22 ta' Ġunju, 2009 li permezz tiegħu l-Korporazzjoni attriċi talbet illi l-kumpanija konvenuta tiġi kkundannata tħallas s-somma ta' sitt mija u tlieta u tletin ewro u ħamsin ċenteżmu-(€633.50). Rappreżentati danni kaġunati minnha f'tagħmir tal-Korporazzjoni attrici nhar il-15 ta' Marzu, 2006, fi Triq il-Kostituzzjoni Mosta.
Bl-ispejjeż kompriżi dawk tal-Ittra Uffiċjali tat-18 t'Ottubru, 2007 bl-imgħax legali dekorribli mid-data tad-danni u bis-Soċjeta' konvenuta ingunta in subizzjoni.

Ra r-risposta tas-Soċjeta' konvenuta fejn eccepiet illi talba attriċi skonta tiġi riċerkata u dana stante illi hija nfondata fil-fatt u fid-dritt :

1. Il-korporazzjoni attriċi għandha fl-ewwel lok tipprova d-danni allegatament subiti minnha.
2. Is-Soċjeta' konvenuta ħadmet b'dipilenza u skond l-Liġi u ma kkawżat l-ebda danni lill-Korporazzjoni attriċi.
3. Mingajr preġudizzju għas-suespost it-talba attriċi hija esaġerata u mhux ġustifikata.
4. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Ra x-xhieda ta' Charles Axiaq prodott mill-Korporazzjoni attriċi;
Ra x-xhieda ta' Ivan Vassallo prodott mill-Korporazzjoni Enemalta;
Ra x-xhieda ta' Eric Montford rappreżentant tal-Korporazzjoni
Enemalta;
Ra x-xhieda ta' WPC.31, Suzanne Muscat prodott mill-Korporazzjoni
attriċi;
Reġa' xhed Ivan Vassallo u pprezenta dokumenti;
Ra x-xhieda ta' PS455 Emanuel Sammut;
Ra x-xhieda ta' Charles Borg prodott mis-Soċjeta' konvenuta;
Ra d-dokumenti kollha li ġew esebiti;
Ra l-atti kollha tal-kawza.

Dwar il-mertu;

Il-Korporazzjoni attriċi ssostni 'lli hija s-Soċjeta' konvenuta li hi responsabbli għad-danni tal-ħsara kaġunata minħabba x-xogħol ta' tħaffir li kienet qed tagħmel fi Triq il-Kostituzzjoni, l-Mosta. Min-naħa l-oħra s-Soċjeta' konvenuta tgħid illi hija ħadmet skond il-Liġi u l-ħsara ma saritx tort tagħha għax il-cables ma kellhomx marking.

Mix-xhieda prodotta mis-Soċjeta' attriċi dak l-inċident ġara fil-15 ta' Marzu, 2006, fil-Mosta. Il-Korporazzjoni attriċi giet infurmata minn Charles Borg li huwa kien laqat cable waqt li kien qed jagħmel xi xogħol. Fuq il-post mar Charles Axiaq fejn ġie ndikat lilu fejn saret il-ħsara. Charles Axiaq

għamel rapport fl-għassa tal-Mosta liema rapport jinsab esebit fl-atti a fol 27et seq. Charles Borġ kien qal lil Charles Axiaq li kien hu stess li kien qed jaħdem u li kien laqat il-cable.

Fuq il-post mar ukoll Ivan Vassallo li kien il-persuna li mmarkat fejn kienu għaddejjin il-cables qabel beda x-xogħol. Il-marki saru bl-ispray oranġjo. Dan ix-xhud ta' struzzjonijiet lil impjegati tas-Soċjeta' konvenuta biex meta jaslu ħdejn il-marki jaħdmu bl-idejn. Ivan Vassallo mar fuq il-post wara l-inċident u ra li l-cable kien tqaċċat u kellu daqqa sew u li skond dan ix-xhud ma setax isir bl-idejn.

Charles Borg kien spjegalu li l-cable ma kellux warning tape u Ivan Vassallo jispjega li dan jista' jkun peress illi cables partikulari għandhom il fuq minn 30 sena u dak iż-żmien ma kienux jgħamlu warning tape imma kienu jagħmlu ċangatura. Dan ix-xhud qal ukoll illi kien immarka fuq l-cable milqut.

Dan ix-xhud reġa' kkonferma x-xhieda tiegħu meta reġa xhed fis-6 ta' Mejju, 2012. Dan ix-xhud għamila ċara illi l-cable kien ġie mmarkat bl-isprey oranġjo u li d-daqqa fuq ma kinitx saret bl-idejn imma b'makkinarju kbir. Hu kien jaf li l-kuntrattur kellu jħaffer hemmhekk pero kellu jħaffer bl-idejn kif kien avżat u dan jidher ukoll mid-dokumenti ppreżentati minnu stess mmarkati bħala 'IV1' u 'IV2' a fol 35 u 36, fuq liema dokument hemm ukoll il-firma tal-kuntratturi Charles u Vincent Borg.

Min-naħa l-oħra fix-xhieda tiegħu Charles Borg bħala kuntrattur tas-Soċjeta' konvenuta jinsisti illi huma kienu qed jħaffru daqs tlett metri 'l bogħod mill-marki tal-cables u ukoll illi l-cables la kellhom marking tape u lanqas ċangatura fuqhom.

It-Tribunal jikkunsidra illi minn naħa tal-Korporazzjoni attriċi kien hemm ix-xhud Ivan Vassallo li qal illi dawn il-cables kellhom il-marka bl-ispray oranġjo u li t-tħaffir kellu jsir bl-idejn waqt illi minn naħa l-oħra s-soċjeta' konvenuta tgħid li ħaffret tlett metri 'l bogħod mill-marki. It-Tribunal

iħoss illi l-verżjoni tas-Soċjeta' konvenuta hija improbabli żżejjed illi:

1. Ħaffru tlett metri 'l bogħod liema' kliem la ntqal mis-surġent fir-rapport u lanqas ġie ndikat bħala eċċezzjoni fil-kawża u
2. B'kumbinazzjoni l-cable milquta la kellhom tape u lanqas cagature.

Hija kumbinazzjoni wisq kbira li dan il-cable la kellu spray, la tape u lanqas ċangatura.

Għaldastant u għal dawn ir-raġunijiet, it-Tribunal iħoss illi l-grad probatorju rikjest mill-Liġi ġie sodisfatt mill-Korporazzjoni attriċi għal dak li jirrigwardja ħtija illi għandu jistrieħ fuq ix-xhieda ta' Ivan Vassallo u jqisa bħala prova biżżejjed għal dan il-każ.

Ghal dawn il-motivi it-Tribunal jilqa' t-talbiet attriċi u jikkundanna lis-Soċjeta' konvenuta tħallas l-ammont ta' sitt mija u tlieta u tletin ewro u ħamsin ċenteżmu-(€633.50).

Bl-ispejjeż tal-kawża jinqasmu ugwalment bejn il-partijiet filwaqt lli l-ispejjeż ta' l-ittra uffiċjali u preżentata fit-18 ta' Ottubru, 2007 għandhom jitħallsu mis-Soċjeta' konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------